# Forti Mosta

*minn Vincent Zammit*

*L-istorja tal-gżejjer Maltin hija ddominata mid-diversi popli li waslu f'Malta u maż-żmien indunaw bl-importanza strateġika taghha. Barra minn hekk, wara li dawn l-istess qawwiet barranin iddeċidew li jibqghu f'Malta, indunaw bil-bżonn li jkollhom jibnu numru ta' difiżi halli l-pożizzjoni taghhom tkun aktar żgura.*

**Meta** nitkellmu dwar postijiet ta' difiża l-aktar postijiet li wiehed jahseb fihom huma dawk ta' madwar il-kosta. Fil-fatt hekk ghandu jkun. Il-parti l-kbira ta' kull tip ta' fortifikazzjoni nbniet madwar il-kosta tal-gżejjer Maltin. Dan minhabba l-fatt li meta nbnew l-istess difiżi, is-sahha ta' l-artillerija kienet ferm differenti minn kif nafuha ahna illum. Minhabba f'hekk, kien kollu ta' xejn li wiehed jibni fortizzi qawwija fuq ġewwa tax-xatt. Il-kanuni ta' dak iż-żmien ma kienx ikollhom is-sahha biex iwasslu l-balal taghhom f'distanzi kbar.

Ir-rahal tal-Mosta ghandu d-difiżi tieghu wkoll. Forsi l-aktar li jispikkaw fl-isem huma l-linji tasswar maghrufa bhala Victoria, kif ukoll il-Forti Mosta. Forsi hafna jahsbu li dawn huma żewġ fortifikazzjonijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' xulxin. Ghalkemm huwa veru li hawnhekk qeghdin nitkellmu dwar żewġ tipi ta' sistemi differenti, fl-istess hin haġa kienet tikkumplimenta l-ohra.

Is-seklu dsatax kien wiehed ta' tibdil. It-teknoloġija bdiet tinbidel mil-lejl ghan-nhar. Kemm it-teknoloġija fuq il-bahar bdiet tinbidel, kif ukoll fuq l-art. Il-bastimenti bdew isiru aktar hfief, kif ukoll bdew jinbnew bl-azzar. L-istess bastimenti beda jkollhom kanuni kbar u b'sahhithom fuqhom. Sadanittant it-teknoloġija fl-azzar kienet bdiet toffri lill-inġiniera l-possibilitajiet biex isiru kanunu kbar u li jwasslu aktar il-boghod. Dan kollu kien ifisser li s-sistemi ta' ġlied kellhom jinbidlu wkoll. [1]

Wahda mill-fortizza l-ġodda, li nbniet b'dawn il-hsibijiet kienet dik tal-Mosta. Moghtija l-isem tar-rahal, din il-fortizza ghadha tgawdi hafna mill-istess disinji u bini oriġinali taghha. Il-forti nbniet fl-inhawi fejn hu maghruf bhala Misrah Ghonoq. Fl-istess inhawi nsibu fdalijiet arkeoloġiċi ta' importanza.[2] Il-

➥ ikompli paġna 118



# Il-Forti Mosta

minn paġna 117



pjan oriġinali tagħha kien sempliċiment fortizza b'ħames faċċati. Il-post fejn hija mibnija huwa ideali għax minn hemm l-għassiesa setgħu jikkontrollaw mhux biss l-inħawi, iżda l-istess parti sostanzjali mill-kosta.

Minħabba din il-pożizzjoni hekk importanti li l-għan prinċipali kien li din il-fortizza tkun armata b'numru ta' kanuni ta' daqsijiet differenti. Il-forti bdiet tinbena fis-sena 1878.[3] Il-ħsieb kien li jkollha 11 il-kanun ta' 64-pdr[4] RML.[5] Minn dawn erbgħa kellhom ikunu impoġġija fuq sistema ta' pjattaforma li tinżel 'l isfel wara li tispara. Is-sebgħa l-oħra kellhom jitpoġġew fi kmamar, fl-istess swar tal-fortizza. Kellhom jitpoġġew żewġ kanuni RML, iżda ta' 6.6 pulzier.[6]

Madwar il-forti kien hemm il-ħsieb li jitpoġġew aktar kanuni.[7] Interessanti huwa d-dettal li dawn it-tip ta' kanuni kienu qegħdin maħsuba li jitpoġġew fil-fortizza, meta fil-verità kienu diġà qegħdin jiġu skartati mill-istess awtoritajiet.[8] Forti Mosta ġiet mitmuma fis-sena 1885.[9]

Fis-sena 1888 kien hawn f'Malta żewġ uffiċjali Ingliżi, il-Maġġur Ġeneral Goodenough u Lt. Sir Lothian Nicholson. Waqt l-ispezzjonar tad-difiżi li

ikompli paġna 119

HSBC

YOUR WORLD OF FINANCIAL SERVICES

# Il-Forti Mosta

➡ minn paġna 118

kien hawn f'Malta, huma rrimarkaw li "**...l-Forti Mosta m'hijiex fortizza sodisfaċenti, għalkemm il-pożizzjoni tagħha hija tajba ħafna, u jekk tkun armata mill-ġdid, għandha toffri difiża aħjar. Fl-istess hin ma' tagħmilx sens li titwaqqa' u terġa tinbena mill-ġdid...**" [10]

Huwa ħafna interessanti li l-Forti Mosta spiċċat tinbena fis-sena 1885. Fl-istess sena kien diġà qiegħed isir is-suġġerimenti dwar it-tibdil fl-armamenti tagħha. Fil-fatt maż-żmien tpoġġew aktar kanuni, li kienu naturalment aktar moderni. Barra minn hekk kien hemm il-bżonn li tinbena parti oħra quddiem l-istess swar tal-forti oriġinali, biex b'hekk ġiet imkabbra wkoll. Il-kanunu li tpoġġew kienu mpoġġija fil-parti l-ġdida. Huwa interessanti li dawn iż-żewġ kanunu kienu jiddefendu parti sostanzjali mill-istess kosta li kien hemm quddiemhom. B'hekk, bastimewnti ta' l-għadu li jkun resqin lejn id-daħla tal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett setgħu jiġi milqugħa bl-isparar minn ħafna qabel.

Forti Mosta għaddiet mill-istess esperjenza bħal ma għaddew numru ta' fortizzi oħra mibnija mill-Ingliżi. Sakemm waslet it-Tieni Gwerra Dinjija, kemm il-linji tas-Swar Victoria, kif ukoll il-fortizzi mibnija biex jagħmlu parti minn din is-sistema tad-difiża kienu spiċċaw ma jiffurmawx parti mis-sistema. Sas-sena 1938 Forti Mosta kienet qegħda tintuża bħala maħżen tal-munizzjon. [11]

1 Dwar dawn it-tibdiliet u kif influwenzaw il-ħsibijietta' l-awtoritajiet Ingliżi fil-Mediterran, ara Quentin Heghes *Britain in the Mediterranean and the defence of her naval stations*, 1981.
2 Minn jaf jekk ma kienx hemm aktar fdalijiet ta' dan it-tip u biex inbniet il-fortizza ġew meqruda bħal ma kien ġara f'inħawi oħra madwar Malta?
3 Stephen C. Spiteri *The British Fortifications*, Malta 1991, p. 103.
4 L-abbrevazzjoni 64-pdr tfisser li dan il-kanun kien jispara balal li jiżnu 64 libbra.
5 L-abbrevazzjoni RML tfisser *rifled muzzle loader*. Dan kien ifisser li l-balla kienet tiddaħħal minn quddiem il-kanun.
6 Dan kien ifisser li l-wisa' ta' l-istess fetħa tal-kanun kienet ta' dan daqs.
7 Spiteri 1991, p. 103.
8 Quentin Hughes *Malta: A Guide to the Fortifications*, 1985, p. 151.
9 Alfred Sammut-Tagliaferro 'British Fortifications and Defence of Malta 1800-1960', f'Archivium: *The Journal of Maltese Historical Research:* 1, Malta 1981, p 84.
10 Spiteri 1991, p. 109.
11 Spiteri 1991, p. 105.

TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

As FARSONS AGENTS and Wholesalers, we stock a large selection of Wines, Spirits and Alcholic Beverages together with a variety of Snacks, Confectionery, Tobacco Products, Soft Drinks, Mineral Water, Juices and Mixers.
FREE DELIVERIES


OPENING HOURS:
Mon - Fri: 8.00 am - 7.00 pm
Sat: 8.00 am - 1.00 pm
TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry Vincenzo Ciappara Street, Rabat. Tel: 454876 459925 Fax: 451079